MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 19/2006

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Josef Taliana**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fl-4 ta’ Jannar, 2005, ghall-habta tad-9.40 ta’ filghodu, fi Triq Naxxar, L/O Naxxar :
1) ghamel uzu mill-vettura bin-numru AAG-209 minghajr indikaturi tat-traffiku;
2) ghamel uzu mill-imsemmija vettura minghajr “fire extinguisher”;
3) saq il-vettura msemmija minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija jew mill-Awtorita’ Dwar it-Trasport ta’ Malta biex tintuza fit-triq (licenzja mhux rinovata);

4) ghamel uzu mill-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Jannar, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 94 u 95 AL 128/94, 15(1)(A) U (3) tal-Kap. 65 u l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 skeda Kap. 65, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghall-hals ta' multa ta' elf lira Maltin (LM1000).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' Jannar, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata w minflok tiddikjarah mhux hati tal-akkuzi dedotti kontrih u kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni w piena, w f'kaz illi din il-Qorti ma tilqax dan l-appell fil-meritu kif qed tigi mitluba, hija qed tigi umilment mitluba sabiex timmodifika l-piena billi tnaqqasha w taghti ohra aktar addatata fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' li l-appellant hu impjegat mas-socjeta' Calleja Stone Concrete co. Ltd u meta gie ordnat mill-*employer* tieghu biex isuq il-vettura in kwistjoni, huwa ragonevolment assuma li din kienet licenzjata w assigurata biex tintuza fit-triq. Illi hu s-sid li hu responsabbli ghat-tigdid tal-licenzja w tal-insurance u l-impjegat jobdi d-direttivi w l-ordnijiet moghtija lilu u m'ghandux ghalfejn jieqaf jistaqsi jiew jiccalingja lis-sid. L-ordni li nghatat lill-appellant bhala impjegat li jsuq vettura kienet wahda normali w mhux wahda li intrinsikament u fiha nnifisha kienet hazina b' mod li setghet tqanqal suspett li b' xi mod kienet setghet tinkiser il-ligi. F' dal-kaz is-sid Noel Calleja gja tressaq quddiem l-Ewwel Qorti, ammetta l-htija tieghu w gie mmultat LM1000. Illi hija l-prattika li meta jigri hekk tinghata multa ta' Lm1000 lis-sid jew genitur biss u mhux ukoll lis-sewwieq stante li l-multa hija**

**wahda gholja. F' kull kaz il-piena hija wahda esagerata.**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenza tat-2 ta' Marzu, 2006;**

**Rat il-verbal li bih Dr. Michaela Spiteri ghall-Prosekuzzjoni, wara li kkonsultat ruha ma l-Ispettur inkarigat mill-kaz, iddikjarat li wara li l-Proskuzzjoni semghet il-provi f' dan il-kaz, jezistu cirkostanzi specjali li jistghu iwasslu biex il-Qorti tapplika piena taht il-minimu.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti li hija kompletament netta;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi mill-provi mismugha minn din il-Qorti w partikolarment mix-xhieda ta' PC 587 Joseph Mallia w Christopher Darmanin li xehed in rapprezentanza tat-Direttorat tal-Licenzji u Testijiet u anki mix-xhieda ta' Edward Calleja, jirrizulta ampjament li l-appellant kien qed isuq vettura tal-*employer* tieghu li ma kienetx licenzjata w lanqas koperta b' polza ghar-riskji ta' terzi persuni. Dil-vettura inoltre kellha wiehed mill-*indicators* daneggjat u ma kienx f' postu w ma kellhiex *fire extinguisher.'***

Illi pero' ic-cirkostanzi kif l-appellant gie biex isuq dan it-truck kienu is-segwenti, kif xehed l-istess Edward Calleja. L-appellant gie ordnat li jissostitwixxi xufier assenti biex imur bi truck tal-kumpanija fejn kien qed isir xi xoghol. Dan talab lix-xhud ic-cavetta tal-garage fejn kien hemm tlitt vetturi, it-truck Izusu in kwistjoni li ma kienx licenzjat u assikurat u zewg vetturi ohra li kienu assigurati w licenzjati. Lill-appellant meta hu tah ic-cwievet tal-garage Calleja ma qallux li it-truck in kwistjoni ma kienx licenzjat u assikurat. L-appellant ha c-cwievet tal-garage, rikeb fuq it-truck li kellu c-cwievet fl-*ignition* u saq. Wara nqabad mill-pulizija, li waqqfu ghax ma kellux indicator. Fuq dan il-kaz

iben ix-xhiud Noel Calleja kien gja instab hati u wehel LM1000 multa.

**Ikkonsidrat ;**

**Illi l-ewwel tlitt imputazzjonijiet huma dawk li jissejhu "technical offences" u ma hix mehtiega xi intenzjoni specifika biex jigu kommessi w jigu kommessi appena wiehed isuq vettura bla indicators, jew bla fire extinguisher kif ukoll bil-licenzja mhux renovata . Hu dover ta' min jidhol biex isuq vettura li jara li din tkun ekwipaggata tajjeb, u skond ir-regolamenti kif ukoll li tkun licenzjata. Pero' fir-rigward tar-raba' imputazzjoni li tirrigwarda l-uzu minn vettura li ma tkunx koperta b' polza tas-sigurta' dwar ir-risjki ta' terzi persuni, l-istess ligi specjali (Kap.104) fl-artikolu 3 (1B) tiddisponi li tista' tinghata eccezzjoni valida mill-akkuzat, jekk igib prova li r-reat ikun sar minghajr ma huwa kien jaf bih u li jkun ezarcita kull diligenza dovuta biex ma jhallix li r-reat isir.**

**Issa fil-kaz in ezami w kif zvolgew ruhom l-affarijiet kif irrizulta mid-depozzijoni ta' Edward Calleja, mhux eskluz fuq bazi ta' probabbilta' li l-appellant verament ma kienx jaf li t-truck in kwistjoni ma kienx kopert b' polza tas-sikurta' w li ladarba l-employer tieghu tah ic-cwievet tal-garage bla ma qallu li t-truck ma kienx assikurat hu assuma li l-vetturi kollha li kien hemm hemm gew kienu assikurati. Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, r-raba' imputazzjoni mhux sufficjentement pruvata lil hinn min kull dubju ragonevoli w ghalhekk l-aggravju principali tieghu fir-rigward ta' din l-imputazzjoni qed jigi akkolt.**

**Mhux l-istess jinghid ghall-akkuza li t-truck ma kellux *indicator* u *fire extinguisher* ghax dawn jirrizultaw *ictu oculi*, ghal min idur dawra mat-truck qabel jirkeb fih u jigi biex isuqu. L-istess jekk ma kienx hemm licenzja rinovata dan kien johrog car mil-licenzja mwahhla fuq il-windscreen, kieku l-appellant indenja ruhu ihares lejha qabel rikeb u saq.**

**Konsegwentement l-appellant gustament instab hati tal-ewwel tlitt kontravvenzjonijiet.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tar-raba' imputazzjoni ta' uzu ta' vettura minghajr ma kienet koperta b' polza tas-sigurta' dwar ir-riskji ta' terzi persuni w in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' elf lira Maltin (LM1000) u minnflok tilliberah minn din l-imputazzjoni, w tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tlitt imputazzjonijiet l-ohra w tikkundannah ghall-ammenda ta' ghaxar liri Maltin (LM10) fuq l-ewwel imputazzjoni, ghaxar liri Maltin ammenda (LM10) fuq it-tieni imputazzjoni, u tletin lira (LM30) multa fuq it-tielet imputazzjoni, b' kollox hamsin lira Maltin (LM50).**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------